ŻURRIEQ

# Kunsill Lokali Żurrieq

## Rapport Annwali Amministrattiv
## Għall-aħħar sena tat-tmien leġislatura – l-ewwel sena tad-disa leġislatura Kunsill Lokali
## (l-ewwel terz tas-sena – April 2020)

## Jannar, 2020 - Diċembru, 2020

***Tema: Għal Żurrieq Aħjar***

Il-Werrej


| | |
|---|---|
| L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| Il-Kunsill | 2 |
| Il-Finanzi u l-ħidma tal-Kunsill | 3 |
| L-Iskeda tal-Varjazzjonijiet fid-Dħul u fl-Infiq | 10 |
| Id-Dikjarazzjoni ta' Rikonċiljazzjoni mal-Bank | 11 |
| Ir-Rapport tal-Awdituri Lokali u l-Istqarrijiet Finanzjarji | 16 |

Din hi l-ewwel sena tad-disa'  leġislatura li kompliet ma dak li kien qed  isir  fil-ħames snin li għaddew.

Il-Kunsill kompla jinvesti l-maġġor parti tal-fondi tiegħu fuq tindif u manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi u manutenzjoni ta' bankini u manutenzjoni ta' tabelli u marki tat-toroq.  Sar patching madwar iż-Żurrieq kollu, għalkemm l-ispiża ta' din is-sena tnaqqset minħabba li fis-sena li għaddiet saru diversi toroq b'wiċċ ġdid.

S'issa wettaqna kollox mingħajr il-bżonn li nirrikoru għal self mill-banek u mingħajr il-Kunsill m'għamel deficit.

Wettaqna xogħlijiet f'kull responsabilita li tagħtina l-liġi u wettaqna ħidma soċjali.
Saru ħafna xogħlijiet fl-ewwel parti tad-disa' leġislatura fosthom:

- aktar tindif ta' spiss lill-ġonna pubbliċi,
- sar iżejed xogħol ta' refresh ta' marki tat-toroq,
- twaħħlu bins u bankijiet ġodda madwar ir-raħal,
- manutenzjoni u żebgħa ta' bankijiet , anke b'kuluri tal-qawsalla u bl-arma taż-Żurrieq u ta' Malta,
- żbier ta' siġar wara li ntalbu l-permessi meħtieġa mill-ERA,
- saret tiswija estensiva tad-dawl ta' Ġnien il-Ġibjun u twaħħlet cctv,
- saru diversi laqgħat ma' residenti biex nisma  s-suġġerimenti u l-ilmenti tagħhom.

Irrid nagħlaq din l-introduzzjoni billi nirringrazzja lill-Viċi Sindku u l-Kunsilliera, lis-Segretarju Eżekuttiv  u l-impjegati tal-Kunsill, u nħeġġiġhom naħdmu flimkien għal Żurrieq isbaħ u aktar magħqud.

Rita Grima
Sindku
Jannar 2020

## 2.1 Il-Kunsill

Din il-leġislatura bdiet f'Lulju, 2019.
Kull Kunsillier għandu r-responsabilita ta' sotto kumitat. L-amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabilitajiet mogħtija lilha bl-Att XV ta'l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, hi mmexija mis-Segretarju Eżekuttiv li għalkemm hu ntitolat li jkollu erbgħa uffiċjali jassistuh, tnejn minnhom jaħdmu fuq bażi ta' reduced hours. Il-Kunsill Lokali żamm jaħdmu żewġ ħaddiema tal-IPSL u ħaddiem wieħed mill-Community Working Scheme. Minn barra dawn il-Kunsill għandu numru ieħor ta' esperti bħal perit, konsulenti u contract managers fost l-oħrajn.
Minn din is-sena il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra ġie xolt u inħatar Kumitat ta' Bubaqra, minflok.

Il-Kunsillieri flimkien mal-uffiċjali u l-impjegati bil-karigi u l-funzjonijiet mgħoddija lilhom fi ħdan il-Kunsill huma:

### Sindku Rita Grima - IL-QASAM SOCJALI, L-INFRASTRUTTURA –BANKINI, PATCHING, MARKI U SINJALI TAT-TRAFFIKU, FINANZI, AMMINISTRAZZJONI, L-ANZJANI U PERSUNI B'DIZABILITA'

Saru mauntenzjonijiet ta' sinjali tat-traffiku, marki tat- traffiku, mirja, patching u bankini

Il-Kunsill kompla bil-paġna tiegħu tal-face book biex jagħti aktar informazzjoni lir-residenti.

Rappreżentanza mill-Kunsill – is-Sindku flimkien mal-Viċi Sindku u l-Kunsillier Kyle Mifsud rrappreżentaw liż-Żurrieq f'Morphou u fil-Bosnia għal-laqgħa tal-paċi.

Ingħatat l-injection tal-influwenza lil madwar 900 mitt anzjani 'l fuq minn 55 sena.

Ħarġu żewġ Kunsill News biex inżommu lir-residenti infurmati.

Il-Kunsill ospita il-Bonġu Bus.

Saret applikazzjoni biex isiru bus shelters ġodda fejn m'hemmx.

Inbdew xogħlijiet fuq zebra crossing fi Vjal ix-Xarolla u fi Triq Wied Babu.

Fix-xahar ta' Ottubru, il-Kunsill reġgħa xegħel madwar il-Mitħna tax-Xarolla bil-kulur roża, biex joħloq għarfien fuq il-kanċer tas-sider.

Inxtel l-ufficcju tal-Kunsill ahmar biex jaghti gharfien ghad-donaturi tad-demm.

Giet installata cctv fil-Ġnien tal-Ġibjun

Saru attivitajiet ta' għoti ta' demm fejn ipparteċipaw numru sostanzjali.

Saret taħdita minn Psikologu.

Sar kors fuq Heart failure awarness

Sar xogħol ta' volontarjat fl-istitut tas-sorijiet tan-Nigret, fejn grupp ta' żgħażagħ għinu fit-tindif tal-ġnien u ħġieġ u art tal-kunvent.

Sar Kors ta' kif jingħarfu flus foloz.

Saret wirja minn grupp ta' Ciniżi fl-iskola primarja

Inbeda kors Piż tajjeb għal saħtek, fejn applikaw għalih aktar minn 60 persuna miż-Żurrieq, li kellu jigi mwaqqaf minhabba l-problema tal-Corona Virus
Grupp ta' anzjani marru fil-mużew Muża

Inxtraw face masks biex jitqassmu f'kull residenza biex jintuzaw ghal waqt il-pandemija.

## Viċi Sindku -Ignatius Farrugia – L-INTEGRAZZJONI SOCJALI U GEMELLAGGI, L-INNOVAZZJONI

Saru preparamenti biex jittiehdu residenti barra minn malta - f'Cipru imma minhabba il-pandemija thassar kollox

## Kunsillier Marisa D'Amato - IL-HARSIEN TAL-ANNIMALI, TURIZMU, MEDIA U ATTIVITAJIET PRINCIPALI

Twaħħlu dog bins fejnkien hemm il-ħtieġa u f'postijietfejn ma jdejquxlir-residenti.

Twahhlu kontenituri ghax-xorb u ikel ghal-qtates f'zoni li ma jdejqux lir-residenti.

Il-Kunsill reġa ħallas is-sħubija mal-Happy Paws biex jiġu neutered il-qtates fiż-Żurrieq, dan minbarra l-iskema bi ftehim ma' Vet privat, biex feeders jieħdu qtates biex jissewwew u jingħataw il-kura.

Giet installata cctv fil-Ġnien tal-Ġibjun b'mod specjali biex jonqsu l-abbuzi fuq il-qtates li hemm fl-istess gnien

Saret konsultazzjoni mal-Animal Welfare biex isir cat café, b'fondi mill-Animal Welfare. B'hekk jonqos l-inkonvenjent tal-qtates u l-ħmieġ tagħhom fit-toroq. Saret talba biex art fi Triq il-Belt Valletta tinghata f'idejn il-Kunsill ghal dan il-ghan.

Kienu saru laqghat biex isiru l-attivitajiet ta' Jum iz-Zurrieq u Festa hut imma minhabba l-pandemija kellhom jithassru z-zewg attivitajiet. Saret biss attivita' kommemorattiva quddiem il-Kunsill fejn ippartecipat l-orkestra taz-Zurrieq u jien kantajt xi siltiet fl-okkazjoni.

Sar kors fuq agrikoltura fejn attendew numru kbir ta'bdiewa

## Kunsillier Tiffany Farrugia – KOMUNITAJIET (BUBAQRA) U PLANNING AUTHORITY

Attività tal-Milied f'Misraħ Santa Marija, Bubaqra

Manutenzjoni u xogħlijiet infrastrutturali – koordinament mal-Kunsillier responsabbli

Tindif fit-toroq u ġonna ta' Bubaqra – koordinament mal-Kunsillier responsabbli

Tisbiħ ta' bankijiet f'Misraħ Santa Marija

Xogħol ieħor neċessarju skont l-ilmenti mir-residenti

## Kunsillier Kaydem Schembri - L-EDUKAZZJONI, FONDI TAL-UE, GAL XLOKK

- Sar tnedija ta' ktieb fil-librerija pubblika
- Il-librerija miftuha qed tkun imharsa u dejjem mimlija bil-kotba
- Sar gbir ta' kotba minghand ir-residenti li m'ghadomx jaghmlu uzu minnom, sabiex jitpoggew fil-librerija pubblika jew fil-librerija miftuha
- Qed nahdem sabiex it-'telephone box' li ghandna gewwa l-pjazza tinghata lill-Kunsill Lokali sabiex tinbidel u ssir librerija miftuha ohra.
- Saret laqgha mar-raprezentattiv tal-fondazzjoni Lifelong Learning, rigward korsijiet li' jista jipprovdi l-kunsill lokali.
- Saret applikazzjoni ghall-ammont ta' korsijiet provduti mil-Lifelong Learning. Liema korsijiet gew posposti habba l-COVID-19
- Lura ghal zmien Skola Sajf 2019 saret attivita' mat-tfal fejn flimkien hawwilna numru ta' hwawar.
- Ippartecipajt f' attivita' li saret mill-ghaqda 'Grow 10 Trees Project' fejn flimkien hawwilna madwar 100 sigra madwar iz-Zurrieq.
- Ha jibdew diskussjonijiet mas-surmast tal-iskola rigward progett zghir ta' 'hydroponics farming' gewwa l-iskola Primarja.
- Saret laqgha mal-Ministru tal-Edukazzjoni Dr. Owen Bonnici fejn irrimajkajtlu l-bzonn li l-entraturi tal-iskola jkollhom tinda habba l-fatt li ammont ta' tfal jaslu l-iskola qabel il-hin tal-ftuh. Ukoll irrimajkajt il-punt li fil-librerija pubblika jkollna kompjuter.
- Attendejt ghal diversi seminars u laqghat rigward fondi tal-Unjoni Ewropea.
- Attendejt ghal diversi laqghat tal-fondazzjoni GALXLOKK.
- Gew iffirmati zewg applikazzjonijiet ghall-progetti tal-Erasmus+, fejn resident Zrieraq se jzuru pajjizi differenti u jippartecipaw f' dawn il-progetti.
- Lestejt il-programm ghal meta l-Kunsill Lokali taz-Zurrieq jospita l-progett tal-Erasmus+, lieam progett gie pospost habba l-COVID-19.
- Assistejt fit-tqassim tal-maskli li provda l-Kunsill Lokali.
- Attendajt ghal-laqgha gewwa Wied Fulija, sabiex kemm il-Kunsill Lokali kif ukoll bhala Kunsillier inkunu nafu ezatti x' inhu jigri fil-progett tar-rihibilitazzjoni ta' dan il-Wied.
- Beda x-xoghol sabiex inkomplu nsahhu l-importanza tal-lingwa Maltija. Fuq kull bank li ghandna gewwa z-Zurrieq se jitwahhlu 'boards' zghar fejn fuqhom se jkun hemm miktub qwiel Maltin bi spegazzjoni taghhom.
- Ghaddej ix-xoghol fuq applikazzjonijiet ghall-fondi tal-Unjoni Ewropea sabiex kemm il-Kunsill Lokali kif ukoll ir-rahal taghna jibbenifika minn progetti sbieh u ta' uzu. Dan l-applikazzjoni jikkonsistu f' importanza lejn l-ambjent u l-kultura tar-rahal.
- Gew posposti zewg seminars edukattivi, minhabba l-virus COVID-19. L-ewwel seminar rigward Cyber Bullying u s-seminar l-iehor rigward kif individwu jista jnaqqas l-iskart billi jirrickla.

## Kunsillier Joseph D'Amato – Kultura u PROGETTI U TOROQ GODDA LI SER JAGHMEL IL-GVERN

Progetti u Toroq.

Peress li r-responsabbilita biex isiru toroq godda m'ghadiex f'idejn il-kunsilli lokali imma nghatat lill-IM, tajjeb li wiehed ifiehem x'inhu r-rwol tal-kunsill f'din il-materja. Ir-rwol taghna hu li nahdmu biex isiru kemm jista' jkun toroq minn IM. Dan isehh billi jsiru laqghat u negozjati fejn minn naha taghna nipproponu u nissuggerixxu x'ghandu jsir. Meta dan jigi deciz u jibda' x-xoghol inridu naraw li x-xoghol isir sew, jekk ikunx hemm bzonn ta' tibdil mill-pjani originali ( li dan isehh kwazi f'kull progett), nilqghu l-ilmenti tan-nies waqt li jkun qed isir ix-xoghol u problemi ohra li jistghu jinqalghu.

Matul l-2019 sar dan ix-xoghol:

Inghata wicc gdid fi Triq Wied Babu u saru culverts biex tissolva l-problema tal-gharghar f'din it-triq.

Inghata wicc gdid ukoll f'zewg toroq fi Triq Sant'Agatha, Triq il-Barrieri, parti minn Triq il-Mizieb (sar it-tarag mill-gdid ukoll), Triq Wied Ganu u Triq il-Parit.

Beda' x-xoghol ukoll fi Triq Ballott, Triq l-Imwieghel, Triq il-Hlantun, Triq San Martin u Sqaq San Tumas.

Wara diversi talbiet u laqghat mal-Wasteserv beda' x-xoghol fuq ir-riabilitazzjoni tal-mizbla ta' Wied Fulija.

Tlestiet u giet inawgurata l-funtana gdida fid-dahla taz-Zurrieq.

Bdejna l-process biex isiru zebra-crossings fi Vjal ix-Xarolla u Triq Wied Babu. Bdejna l-process ukoll biex isiru bus-shelters fi Triq Wied Babu, Vjal Indipendenza u fejn iz-zummar.

Applikajna u hadna 60,000 ewro fondi mill-Gal Xlokk biex isiru zewg progetti ta' tisbieh. Wiehed fi Triq il-Barrieri u dan lest. It-tieni progett se jkun lest fis-sena 2020 u se jsir fi Triq il-Wied.

Kultura.

Bqajna ghaddejjin biex xoghol fuq il-ktieb dwar iz-Zurrieq u l-progett ta' tisbieh madwar il-Mithna tax-Xarolla.

Sar il-kuncert tas-sajf mill-orkestra tal-kunsill (Orkestra Zurrieq).

Applikajna u hadna 10,000 ewro minghand il-Gal Xlokk biex tigi rrestawrata l-Kappella ta' Sant Andrija.

Applikajna u giet accettata biex jigi rrestawrat it-Torri tal-Wardija. Ix-xoghol ser isir mill-Gvern.

F'Dicembru tqassam il-kalendarju ppreparat mill-Kumitat tal-Kultura.

Bil-kollaborazzjoni tar-Regjun Nofsinhar, sar il-kuncert tal-milied minn Orkestra Zurrieq geww l-Knisja Arcipretali St.Katarina V.M. F'din l-attivita' ngabret is-somma ta' 440 ewro b'risq Puttinu Cares.

Baqa jsir il-manutenzjoni mehtiega fil-Mithna tax-Xarolla u l-ftuh tal-mithna ghall-vizitaturi.

## Kunsillier Kenneth Farrugia – L-AMBJENT U L-GONNA PUBBLICI, INDAFA

Matul din il-hidma tieghi bdejt billi rajt x'hemm bzonn isir fuq it-tajjeb li kien hemm u jitranga dak li ma kienx wisq tajjeb.

Gonna: u Ambjent
1 Tindif tal-art (hamrija) u zbir ta sigar.
2 Tisbieh tal-post bhal zebgha bdil ta bankijiet u tiswijiet ta ghamara tal playing fields)
3 Twahhil ta dust bins godda
4 Tiswijja funtani u tindif ta culverts

Tindif ta Toroq urbani u mhux urbani
1 Tqassim aktar ahjar taz-zoni sabiex il-kennies inkarigat ikollu pjan ta kif u meta ghandu jiknes it-tali zona
2 Qtugh ta haxix li wara li jingabar f'boroz apposta jingabru dik il-gurnata stess wara ftheim mal kuntrattur inkarigat mil gbir ta l-iskart.
3 Bl-ghajnuna tal-Cleansing Department tnaddaf ukoll kull lok li indikajna li kien hemm ammonti ta skart bhal skart tal-kostruzzjoni u skart iehor .

Gbir ta Skart bieb bieb
1 Wara li rajna diversi nies ma kienux qed johorgu l iskart fil-gurnata indikata ghamilna ftehim mal-kuntrattur sabiex jindika liema huma dawn it-toroq sabiex tinbghat ittra ta informazzjoni b diversi lingwi bhat-taljan ingliz Franciz u Gharbi.
2 Introducejna it-truck bhal hafna irhula ohra u bl-ghajnuna tal-waste serve sabiex darba jew darbtejn fix-xahar jigu u jigbru l-iskart huma stess. Skart bhal hgieg ,zejt ta l-ikel affarijiet elettronici fost affarijiet ohra

Hidma ingenerali

Madwar ir-rahal taz-Zurrieq twahhlu diversi bins ta l-iskart u bin ghal iskart tal-klieb. twahhlu ukoll u inzebghu bankijiet . Inbidlu ukoll xi tabelli u saru ukoll godda fejn ezempju ma tistax tarmi skart ,tnaddfu ukoll il-culverts ta madwar ir-rahal kollu.
Thawwlu ukoll madwar 100 sigra bis-sahha ta l-ghaqda 10 grow tree li ga hemm il-hsieb li ser jithawlu aktar wara li jaghddi is-sajf.
Qed jigu mizbura ukoll kemm jista jkun sigar sabiex ikollna ambjent aktar ahjar.

## Kunsillier Kyle Mifsud - IZ-ZGHAZAGH U TFAL U ATTIVITAJIET PRINCIPALI

Bhala sottokumitat tfal u zghazagh :
Attendejna attivita ta' volontarjat fid-dar Santa Tereza.

Organizzajna party ghat-tfal fi zmien il-Milied. Dan il-party halas ghalih kull min attenda.

Organizzajna party ghat-tfal u zghazagh fi zmien il-Karnival. Dan il-party halas ghalih kull min attenda.

Attivita gewwa l-esplora ghat-tfal u genituri. Din l-attivita halsu ghaliha kull min attenda.

Flimkien mal-Kunsilliera Tiffany Farrugia organizzajna attivita fiz-zmien il-Milied, Milied f'Bubaqra.

Flimkien mas-Sinjura Sindku Rita Grima, attendejt konferenza gewwa Sarajevo , General Assembly of the IAPMC.

## Kunsillier Dino Bonnici – SPORTS, ATTIVITA FIŻIKA

Fl ahhar sena rajt li mexxi quddiem l progetti li ghalihom il Kunsill ilu snin jiprova jaghmel, bhal l progett tal gharghar, progett ta Wied Fulija u Night shelter jew dar tal-Anzajni.

Fuq l-ewwel tnejn jidher li sa l-ahhar ta din il legislatura ghandhom ikunu attwati.

Mill-att sportiv ghaddejjin diskussjonijiet biex nippruvaw nwelldu tim tal-Basket ball gdid. Baqghet ghaddejja kontinwament l ghajnuna biex tkompli tikber in Nofs Marathon u avvenimenti ohrja simili li kollha kellhom l-appogg tal-Kunsill

**Is-Segretarju Josianne Cilia Mumford:** Kap Eżekuttiv, Amministrattiv u Finanzjarju
**Is-Sinjura Francesca Camilleri**: Sezzjoni Amministrazzjoni u Riżorsi Umani
**Is-Sinjura Charmaine Atanasio**: Sezzjoni Finanzi u Akkwist ta' Servizzi
**Is-Sinjura Maria Briffa Callus**: Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti
**Is-Sinjura Sharon Bartolo**: Sezzjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti

## 2.2 Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill

Bejn l-1 ta' Jannar 2019 u l-31 ta' Diċembru 2019inżammu tnax –il laqgħa tal-Kunsill li l-attendenza għalihom kienet:

**Seduti 8 Legislatura**

| | 23.01.19 | 09.02.19 | 27.02.19 | 27.03.19 | 17.04.19 | 15.05.19 | 13.06.19 | preżenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ignatius Farrugia | * | * | * | * | * | * | * | 7 minn 7 |
| Rita Grima | * | * | * | * | * | * | * | 7 minn 7 |
| Jean Pierre Attard | | * | * | | | * | * | 4 minn 7 |
| Tiffany Ann Farrugia | | * | * | * | * | * | * | 6 minn 7 |
| Joseph D'Amato | | * | * | * | * | | * | 5 minn 7 |
| Pierre Farrugia | * | * | * | * | * | * | * | 7 minn 7 |
| Kenneth Farrugia | * | * | * | * | * | * | * | 7 minn 7 |
| David Abdilla | * | * | * | * | * | * | * | 7 minn 7 |
| Dino Bonnici | * | * | * | * | * | * | * | 7 minn 7 |

**Seduti 9 Legislatura**

| | 01.07.19 | 10.07.19 | 21.08.19 | 18.09.19 | 30.10.19 | 20.11.19 | 18.12.19 | preżenti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Rita Grima | * | * | * | * | * | * | * | 7 minn 7 |
| Ignatius Farrugia | * | * | * | * | * | * | | 6 minn 7 |
| Marisa D'Amato | * | * | * | * | * | * | * | 7 minn 7 |
| Kaydem Schembri | * | | * | * | * | * | * | 6 minn 7 |
| Tiffany Ann Farrugia | * | * | * | * | * | * | * | 7 minn 7 |
| Joseph D'Amato | * | * | * | * | * | * | * | 7 minn 7 |
| Kenneth Farrugia | * | | * | * | * | * | * | 6 minn 7 |
| Kyle Mifsud | * | | * | * | * | * | * | 6 minn 7 |
| Dino Bonnici | * | * | * | * | * | * | * | 7 minn 7 |

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

Is-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru, 2019 kienet waħda kkaratarizzata minn dawn il-fatturi:

Meta wieħed jagħti ħarsa lejn id-dħul u l-infiq tas-sena tar-rapport, id-dħul kienet maqsuma hekk:

Is-sena finanzjarja li ser tintemm fil-31 ta' Diċembru, 2019 kienet waħda kkaratarizzata minn dawn il-fatturi:

Meta wieħed jagħti ħarsa lejn id-dħul u l-infiq tas-sena tar-rapport, id-dħul kienet maqsuma hekk:

89.5 % mingħand il-Gvern Ċentrali
10.5% mis-sistema tal-infurzar tal-lġi u minn Investimenti u dħul ieħor

Filwaqt li n-nefqa matul l-istess perjodu kienet maqsuma hekk:

17.6 % fl-Onoraria tas-Sindku u s-Salarji tal-Impjegati
73% f'xogħlijiet ta' manutenzjoni u amministrazzjoni
9.3% fi proġetti kapitali

L-akbar nefqa ta' manutenzjoni u amministrazzjoni kienet dovuta l-aktar fuq kuntratti ta' tindif u mantenzjoni ta' toroq.
Is-sena finanzjarja ntemmet b'bilanċ favorevoli fil-bank anke meta tqis li għad hemm cheques li mhumiex imsarfin.

## 3.2 Il-Hidma tal-Kunsill

Il-Kunsill kien impenjat f'dawn ix-xogħlijiet :

- Tiswijiet u manutenzjoni ta' toroq, bankini, lampi, sinjali u marki tat-traffiku u ġodda u playing equipment.
- Saru bankini ġodda fejn kien hemm il-ħtieġa.
- Tindif ta' toroq urbani u qtugħ ta' ħaxix ħażin fit-toroq mhux urbani.
- Il-Kunsill ma ħarigx tender għal xogħol ta' tindif tat-toroq mhux urbani għax l-istess xogħol qed isir mill-ħaddiema tal-IPSL u mill-ħaddiema tad-direttorat tal-indafa pubblika. B'hekk il-Kunsill franka diversi flus u dawn intnefqu f'affarijiet oħra.
- Inħasslu z-zuntier tal-knisja u xi toroq fil-madwar waqt il-ġranet tal-festi tar-raħal. Tnaddfu ukoll toroq mhux urbani, bl-għajnuna tal-Cleansing Department, immexxija mid-Direttur Ramon Deguara.
- Twaħħlu dog bins fejn kien hemm il-ħtieġa u f'postijiet fejn ma jdejqux lir-residenti.
- Tingħata informazzjoni u għajnuna fuq kull xorta ta' għajnuniet u servizzi soċjali.
- Saru attivitajiet Kulturali għall-persuni b'diżabilta' u l-familjari tagħhom.

- Saru diversi attivitajiet għall-persuni anzjani kemm Malta, kemm Għawdex u kemm Sqallija.
- F'Jum iż-Żurrieq reġgħet saret il-kompetizzjoni tal-boċċi fil-ġnien tal-Ġibjun.
- Sar il-ħames kalendarju, li din id-darba esebixxa ritratti ta' postijiet ta' interess fiż-Żurrieq.
- Reġgħu saru tliet attivitajiet bil-parteċipazzjoni tal-orkestra taż-Żurrieq – waħda fis-Sajf fil-bitħa tal-iskola Primarja, waħda f'Milied f'Bubaqra u oħra fil-knisja arċipretali fi żmien il-Milied.
- Inxtraw leġiji għall-orkestra.
- Tqassmu darbtejn boroż għall-ġbir tal-iskart reċiklat bl-għajnuna tal-Green Pak fost il-ġbir speċjali għall-ħġieġ.
- Tkompliet il-kampanja ta' ġbir ta' tappijiet tal-plastik, batteriji u oġġetti elettroniċi żgħar.
- Sar tindif ta' art fil-post magħruf bħala tax-xewki u għajnuna ta' tindif fi Triq il-Barrieri minn Cleansing Department.
- Il-Kunsill kompla bil-paġna tiegħu tal-face book biex jagħti aktar informazzjoni lir-residenti.
- Rappreżentanza mill-Kunsill – is-Sindku flimkien mal-Viċi Sinkdu u l-Kunsillier Kyle Mifsud rrapreżentaw liż-Żurrieq f'Morphou u fil-Bosnia għal-laqgħa tal-paċi.
- Saret skola sports fis-sajf u fix-xitwa bl-għajnuna taż-Żurrieq Wolves, għal-tfal ta' bejn il-ħames snin u l-ħdax –il sena.
- Il-Kunsill reġa ħallas is-sħubija mad-Dog Trust biex jiġu neutered il-qtates fiż-Żurrieq, dan minbarra l-iskema bi ftehim ma' Vet privat, biex feeders jieħdu qtates biex jissewwew u jingħataw il-kura.
- Saret il-Marathona tal-ġiri bl-għajnuna taz-Zurrieq Wolves.
- Sar tindif tal-culverts kollha fiż-Żurrieq.
- Ingħatat l-injection tal-influwenza lil madwar 900 mitt anzjani 'l fuq minn 55 sena.
- Ħarġu żewġ Kunsill News biex inżommu lir-residenti infurmati.
- Il-Kunsill ospita il-Bonġu Bus.
- Kull xahar qed jiġi t-trakk Sort it out, biex ir-residenti jġibu materjal għar-reċiklaġġ fih.
- Il-Kunsill applika ukoll għall-fondi mill-Unjoni Ewropeja biex isir trial walk b'tisbieħ f'toroq fil-kampanja bejn Triq il-Barrieri u Triq il-Wied.
- L-Onorevoli Julia Farrugia Portelli rregalat iżjed kotba fil-librerija żgħira fil-ġnien tal-ġibjun, li intlaqgħet tajjeb ħafna.
- Sar aktar tiżjien tal-Milied f' Bubaqra u fi Triq GM Callus, fi Vjal il-Blue Grotto u f'Misraħ Mattia Preti.

- Tpoġġew qsari kbar bir-rand fi Vjal ix-Xarolla.

- Tħawlu aktar siġar fi Ġnien il-Ġibjun u taħt iċ-ċint tan-Nigret.
- Saret applikazzjoni biex isiru bus shelters ġodda fejn m'hemmx.
- Inbdew xogħlijiet fuq zebra crossing fi Vjal ix-Xarolla u fi Triq Wied Babu.

- Fix-xahar ta' Ottubru, il-Kunsill reġgħa xegħel madwar il-Mitħna tax-Xarolla bil-kulur roża, biex joħloq għarfien fuq il-kanċer tas-sider.

- Saret applikazzjoni biex tiġi installata cctv fil-Ġnien tal-Ġibjun

- Saret konsultazzjoni mal-Animal Welfare biex isir cat café, b'fondi mill-Animal Welfare. B'hekk jonqos l-inkonvenjent tal-qtates u l-ħmieġ tagħhom fit-toroq.

***Saru dawn l-attivitajiet :***

- tlugħ ta' tajr fil-ġnien tal-Ġibjun.
- Milied f'Bubaqra għall-ewwel darba u din kienet suċċess.
- Saru attivitajiet ta' għoti ta' demm fejn ipparteċipaw numru sostanzjali.
- Saret taħdita minn Psikologu.
- Sar festin tal-Milied lit-tfal taż-Żurrieq fejn kienu mistiedna bla ħlas it-tfal li jinsabu fl-istitut tas-Sorjiet tan-Nigret.
- Sar kors fuq agrikoltura

- Sar kors fuq Heart failure awarness
- Wirja tal-Ġimgħa imqaddsa fil-Mitħna tax-Xarolla.
- Sar xogħol ta' volontarjat fl-istitut tas-sorijiet tan-Nigret, fejn grupp ta' żgħażagħ għinu fit-tindif tal-ġnien u ħġieġ u art tal-kunvent.

- Sar Kors ta' kif jingħarfu flus foloz.
- Saret wirja minn grupp ta' Ciniżi fl-iskola primarja

- Ser jinbeda kors Piż tajjeb għal saħtek, fejn applikaw għalih aktar minn 60 persuna miż-Żurrieq
- Grupp ta' anzjani marru fil-mużew Muża
- Tniegħed il-ktieb ta' Salvu ta' Manini fil-librerija taż-Żurrieq.

## 3.3 Organizazzjoni

L-organizazzjoni tal-Kunsill hi magħmula hekk:




Għalkemm din l-istruttura tippermetti li l-Kunsill jaħdem bi prattiċi tal-ħidma tiegħu, irid ikun rikonoxxut li din għandha ssir bl-aħjar mod bejn l-istruttura organizzativa fis-settur privat u dik fis-settur pubbliku. Ir-rwoli ta' dawk involuti għandu dejjem ikun definit u miftiehem, fejn il-Kunsillieri bħala *policy makers* jmexxu l-pjan ta' ħidma tagħhom, filwaqt li l-amministratturi jesegwixxu l-*policies* bl-aħjar mod possibli.

Fil-globalita tagħha, l-organizazzjoni trid tkun aspirata minn rieda ta' ħidma kollettiva, b'assigurazzjoni fix-xogħol ta' kuljum li jitwettaq minn kull membru li jinsab fiha. L-objettivi jridu jkunu mibnija fuq żewġ sisien prinċipali - l-aħjar valur għall-flus f'dak kollu li jitwettaq u biex b'ekonomija, effiċjenza u effetivita jkollha l-aħjar paragun ta' kost possibli. L-istruttura mħaddna fuq dawn il-kunċetti għandha wkoll tiggarantixxi *feedback* kontinwu f'kull settur inkluż il-klijent, li fil-każ ta' gvern lokali mhu ħadd għajr iċ-ċittadin.

## 3.4 Konklużjoni

Il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq, permezz tal-ħidma mwettqa matul dawn l-ewwel xhur ta' din id-disa' leġislatura, ser ikun qed iħalli mpatt qawwi fuq il-lokalita u r-residenti.

In-nefqa pubblika tal-Kunsill trid tkompli tissoda u twassal biex ikun hemm aktar relazzjoni mal-bżonnijiet tal-lokalita' u li tħalli nvestiment rejali u tanġibbli. L-indafa, l-manutenzjoni tat-toroq u l-manutenzjoni tal-postijiet ta' rikreazzjoni, biex ikunu aktar siguri għat-tfal li jużawhom, għandhom jibqgħu fuq quddiem tal-ħidma tal-Kunsill.

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**
Jannar, 2020

## 2.2 Detailed Estimates of Income

| ACCT NO. | DESCRIPTION | a<br>BUDGET 2019 (Euro) | b<br>ACTUAL 2019 (Euro) | c<br>BUDGET 2020 (Euro) | c-a<br>VAR BUD-BUD (Euro) | c-b<br>VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | | | | | |
| 0001 | Annual | 838,120.00 | 836,998.00 | 836,998.00 | -1,122.00 | 0 |
| 0002 | Supplementary | | | | | |
| 0003 | Special needs | | | | | |
| 0005 | Local Govt Schemes | 5,000.00 | 13,091.55 | 13,000.00 | 8,000.00 | -91.55 |
| 0015 | Other | | | | | |
| | | **843,120.00** | **850,089.55** | **849,998.00** | **6,878.00** | **-91.55** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | | |
| 0021 | Community Services | 20,000.00 | 19,391.00 | 19,000.00 | -1,000.00 | -391.00 |
| 0036 | Contravention of bye-laws | 35,000.00 | 25,088.00 | 30,000.00 | -5,000.00 | 4,912.00 |
| 0056 | Contributions and donations | | | | | |
| 0060 | Generali | 3000 | 50784.00 | 50000.00 | 47,000.00 | -784.00 |
| 0064 | Income from administration fee | | 4,638.00 | 5,000.00 | 5,000.00 | 362.00 |
| | | **58,000.00** | **99,901.00** | **104,000.00** | **46,000.00** | **4,099.00** |
| 0090 | Investment | | | | | |
| 0091 | Bank interest | 70 | 40 | 40 | -30 | 0 |
| 0096 | Government securities | | | | | |
| | | **70** | **40** | **40** | **-30** | **0** |
| 0100 | General | | | | | |
| 0110 | Donations | | | | | |
| 0140 | Insurance Claims | | | | | |
| 0260 | Accrued Income receivable (Grants) | **328,202.00** | | **543,513.00** | 215311.00 | 543,513.00 |
| | | **328,202.00** | | **543,513.00** | **215,311.00** | **543,513.00** |
| | **TOTAL** | **1,229,392.00** | **950,030.55** | **1,497,551.00** | **268,159.00** | **547,520.45** |

## 2.3 Detailed Estimates of Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2019 (Euro) | ACTUAL 2019 (Euro) | BUDGET 2020 (Euro) | VAR BUD-BUD (Euro) | VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **1** | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | | | | | |
| 1100 | Mayor, Deputy, Councillor's allowance | 12,797.00 | 29,688.00 | 37,388.00 | 24,591.00 | 7,700.00 |
| 1200 | Employees salaries and wages | 95,170.00 | 91,264.00 | 94,649.00 | -521.00 | 3,385.00 |
| 1300 | Bonuses | 7,923.00 | 4,350.00 | 7,005.00 | -918.00 | 2,655.00 |
| 1400 | Income supplements | 999 | 908 | 1000 | 1.00 | 92.00 |
| 1500 | Social Security contributions | 8,505.00 | 8,775.00 | 9,000.00 | 495.00 | 225.00 |
| 1600 | Allowances | 9,600.00 | | | -9,600.00 | 0.00 |
| 1700 | Overtime | 200 | 100 | 300 | 100.00 | 200.00 |
| | | **135,194.00** | **135,085.00** | **149,342.00** | **14,148.00** | **14,257.00** |
| 2000 | Operations and maintenance | | | | | |
| 2100 | Utilities | 12,000.00 | 13,515.00 | 14,000.00 | 2,000.00 | 485.00 |
| 2200 | Materials and supplies | 3,000.00 | 5,867.00 | 8,000.00 | 5,000.00 | 2,133.00 |
| 2300 | Repair and upkeep | 127,000.00 | 168,158.00 | 172,000.00 | 45,000.00 | 3,842.00 |
| 2400 | Rent | 3,000.00 | 8,228.00 | 8,750.00 | 5,750.00 | 522.00 |
| 2500 | International memberships | 800 | 1350.00 | 1350.00 | 550.00 | 0.00 |
| 2600 | Office services | 5,000.00 | 6,612.00 | 6,600.00 | 1,600.00 | -12.00 |
| 2700 | Transport | 1,900.00 | 1,673.00 | 3,000.00 | 1,100.00 | 1,327.00 |
| 2800 | Gemellaggi | 3,700.00 | 1,700.00 | 3,700.00 | 0.00 | 2,000.00 |
| 2900 | Information services | 7,000.00 | 8,100.00 | 8,400.00 | 1,400.00 | 300.00 |
| 3000 | Contractual services | 256,686.00 | 294,024.00 | 297,400.00 | 40,714.00 | 3,376.00 |
| 3100 | Professional services | 35,000.00 | 17,300.00 | 31,000.00 | -4,000.00 | 13,700.00 |
| 3200 | Training | | | | 0.00 | 0.00 |
| 3300 | Community and hospitality | 35,000.00 | 30,000.00 | 35,000.00 | 0.00 | 5,000.00 |
| 3400 | Incidental expenses | | | | 0.00 | 0.00 |
| 3600 | LES Enforcement | 1,000.00 | 2,800.00 | 2,800.00 | 1,800.00 | 0.00 |
| 8000 | Depreciation | | | | 0.00 | 0.00 |
| | | **491,086.00** | **559,327.00** | **592,000.00** | **100,914.00** | **32,673.00** |
| 7000 | Capital Expenditure | | | | | |
| 7001 | Acquisition of property | | | | | |
| 7100 | Construction | | | | | |
| 7200 | Improvements | 14,100.00 | 18,066.00 | 19,000.00 | 4,900.00 | 934.00 |
| 7300 | Equipment | 5,000.00 | 2,619.00 | 2,700.00 | -2,300.00 | 81.00 |
| 7500 | Special programmes | 529901 | 50634 | 531401 | 1,500.00 | 480,767.00 |
| | | **549,001.00** | **71,319.00** | **553,101.00** | **4,100.00** | **481,782.00** |
| | **TOTAL** | **1,175,281.00** | **765,731.00** | **1,294,443.00** | **119,162.00** | **528,712.00** |

## 2.1 Consolidated Estimates of Income and Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2019 (Euro) | ACTUAL 2019 (Euro) | BUDGET 2020 (Euro) | VAR BUD-BUD (Euro) | VAR BUD-ACT (Euro) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2** | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | 843,120.00 | 850,089.55 | 849,998.00 | 6,878.00 | -91.55 |
| 0020 | Bye-laws | 58,000.00 | 99,901.00 | 104,000.00 | 46,000 | 4,099 |
| 0090 | Investment | 70.00 | 40.00 | 40.00 | 30.00 | 0 |
| 0100 | General | 328,202.00 | | 543,513.00 | 215,311 | 543,513 |
| | TOTAL | **1,229,392.00** | **950,030.55** | **1,497,551.00** | **268,159.00** | **547,520.45** |
| **1** | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal emoluments | 135,194.00 | 135,085.00 | 149,342.00 | 14,148.00 | 14257.00 |
| 2000 | Operations and maintenance | 491,086.00 | 559,327.00 | 592,000.00 | 100,914.00 | 32,673.00 |
| 7000 | Capital Expenditure | 549,001.00 | 71,319 | 553,101.00 | 4,100.00 | 481,782.00 |
| | TOTAL | **1,175,281.00** | **765,731.00** | **1,294,443.00** | **119,162.00** | **528,712.00** |
| | **Balance** | **54,111.00** | **184,299.55** | **203,108.00** | **148,957.00** | **18,808.45** |

**Dawn il-figuri inhadmu sal-ahhar gurnata ta' Ottubru 2019**

### 5.1.1 Kont tas-Savings – HSBC – 78057692050

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **19,987.88** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta ' Ottubru, 2019 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **19,987.88** |

### 5.1.2 Kont tas-Savings – BOV – 17905262020

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **232,305.92** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta ' Ottubru, 2019 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **232,305.92** |

### 5.1.6 kont Savings HSBC MITHNA 78057692051

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **39,405.63** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta ' Ottubru, 2019 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **39,405.63** |

### 5.2.2 Kont Kurrenti – BOV – 17905262017

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **618,231.29** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta ' Ottubru, 2019 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **618,231.29** |

## 5.3 Kontijiet Fissi

### 5.3.1 Kont Fiss – BOV – 40018197570

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank** | **103,000** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta ' Ottubru, 2019 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni tal-Bank | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni tal-Bank | |
| **Bilanċ Nett tal-Bank** | **103,000** |

### Petty Cash Account

| | |
|---|---|
| **Bilanċ fuq id-dikjarazzjoni** | **79.75** |
| Għodd id-depożiti li saru sal-31 ta ' Ottubru, 2019 li ma jidhrux fuq id-dikjarazzjoni | |
| Naqqas il-withdrawals li saru li ma jidhrux fuq id-Dikjarazzjoni | |
| **Bilanċ Nett** | **79.75** |
| | |

Josianne Cilia Mumford
Segretarju Eżekuttiv

## 6.1 Rapport tal-Awdituri u l-Istqarrijiet Finanzjarji

Fil-pagni segwenti jinstabu r-rapport ta’ l-Awdituri u l-Istqarrijiet Finanzjarji.